# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

**MAGISTRAT**
**Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

**Seduta tat-2 ta' Ottubru 2001**

Citazzjoni numru 14/1994

Charles Spiteri

-vs-

Michael Cremona

Il-Qorti;

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attur li taqra:

"illi l-attur huwa l-proprjetarju tal-vettura tal-marka "Skoda" bin-numru tar-registrazzjoni L-zero, sitta wiehed tnejn (L-0612);

illi fid-disgha ta' Awissu ta' l-elf disa' mija u tnejn u disghin (9.08.1992) ghall-habta tas-sitta neqsin kwart ta' wara nofsinhar (5.45pm) l-esponenti halla din il-vettura pparkjata fi Triq Gdida li taghti ghal Triq ix-Xaghra f'Marsalforn, Ghawdex ma' genb vettura ohra bir-registrazzjoni ittra E-hamsa, hamsa, tmienja sitta (E5586) proprjeta' tal-konvenut.

Illi ftit tal-hin wara l-vettura tal-konvenut hadet in-nar bil-konsegwenza li dan gie komunikat ukoll lill-vettura ta' l-attur.

Illi konsegwenza ta' dan l-incident l-attur sofra danni sostanzjali kif jigi dettaljatament pprovat fil-kawza.

Illi minkejja diversi talbiet il-konvenut naqas li jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' dawn id-danni.

Talab lill-Qorti li:

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghal dan il-hruq u ghad-danni konsegwentement sofferti mill-attur.

2. Tillikwida anke permezz ta' perit mahtur ghal dan il-ghan minn din il-Qorti d-danni sofferti mill-attur.

3. Tikkundanna lil-konvenut sabiex ihallas lill-attur dan l-ammont.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja spedita fil-5 ta' Ottubru 1993 u ta' l-ittra ufficjali mibghuta f'Novembru 1993.

Il-konvenut mharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qieghed jigi ingunt.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament guramentata u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li fiha huwa eccepixxa:

1. illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt, in kwantu l-hruq illi kkaguna d-danni fil-karozza ta' l-attur kien wiehed incidentali u ma giex kagunat b'ebda traskuragni jew mala fede da parti tal-konvenut, b'tali mod illi l-esponenti ma jista' taht l-ebda disposizzjoni tal-ligi jigi tenut responsabbli fil-konfront ta' l-attur ghal dawn id-danni.

2. Ghalhekk ghal dan il-kaz japplika l-principju "casus sentit dominus"
.
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament guramentata u l-lista tax-xhieda.

Ezaminat ix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

Il-bazi ta' l-azzjoni ttentata mill-attur hi dik tad-danni aquiljani imfassla fuq il-principju li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu, liema htija tavvera ruhha meta fl-ghemil tieghu ma tintuzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Jigifieri, il-grad ta' prudenza u diligenza rikjest mil-ligi huwa dak tal-bon pater familias u hadd mhu responsabbli fi grad ghola[1.]

1. Artikolu 1031 u 1032 Kodici Civili

Fil-kaz in dizamine l-attur qieghed jirreklama d-danni subiti lill-vettura tieghu waqt li hu kien, fil-gurnata imsemmija fic-citazzjoni, ipparkeggjaha biswit vettura ohra fil-frattemp li mar jisma' quddiesa. Din il-vettura l-ohra kienet proprjeta' tal-konvenut u fil-hin li kienet ipparkeggjata u nkustodita minn sidha hadet in-nar b'konsegwenza li l-istess nar estenda fuq il-vettura ta' l-attur li sfat ukoll mahruqa. Dawn il-fatti ma jidhrux li huma kontestati, kif ukoll mhux kontestat li meta l-attur ipparkeggja l-vettura tieghu dik tal-konvenut kienet gia hemm u n-nar ghal fuq il-vettura tieghu gie alimentat mill-haxix li kien hemm f'din l-arja.

Il-konvenut spjega li l-vettura kien xtraha xi xhur qabel. Stqarr li qatt ma kien dahhalha ghand mechanic "peress illi qatt ma hass il-bzonn li jaghmel hekk". Stqarr ukoll li l-vettura huwa qatt ma messha.

Minn dan il-kwadru tal-fatti l-Qorti trid tistabilixxi jekk tinstabx htija dovuta ghan-nuqqas ta' prudenza u diligenza tal-konvenut dejjem sal-grad tal-bonus pater familias. Hekk biss u sa dan il-grad tista' tigi eradikata l-htija, altrimenti jigi japplika l-Artikolu 1029 tal-Kap 16 li jiddisponi, inter alia, li "kull hsara li tigri b'accident jew forza magguri ibaghtiha …. Dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara".

Illi dwar x'ikkawza n-nar fil-vettura tal-konvenut, li qered ukoll il-vettura ta' l-attur, xehed l-espert nominat fl-inkjesta Magisterjali, l-Professur Alfred Vella. Ir-relazzjoni tieghu hija esebita folio 99 et seq u x-xhieda tieghu tinsab folio 105 et seq. Huwa kien ikkonkluda li n-nar kien ta' origini acidentali kkawzat minn "circuit overload (short ciurcuit) fis-sistema elettrika". L-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu jargumenta li r-responsabilita' tal-konvenut hija insita mill-fatt li l-hruq ma kienx inevitabbli u di piu f'dan il-kaz ikkonkorra l-att posittiv jew negattiv tieghu b'dan li kkommetta vjolazzjoni ta' dover. Din il-Qorti ma taqbilx. Kollox ma' kollox hija l-fehma taghha li d-dannu ma kienx konsegwenza ta' xi dolo jew culpa tal-konvenut, ma kienx prevedibbli u estranju ghall-volonta tieghu.

Ghalhekk tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur